**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR NATASHA GALEA SCIBERRAS**

**Kawża Numru: 122/2015**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Nikolai Sant)**

**vs**

**Marieclaire Camilleri**
**(ID 246480(M))**

**Illum, 30 ta' Ottubru 2019**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputata **Marieclaire Camilleri**, ta' 34 sena, bint Michael u Frances nee` Bartolo, imwielda l-Pieta` nhar l-14 ta' Mejju 1980 u residenti 69, Triq Sant'Alfonsu, Sliema, detentriċi tal-karta tal-identita` bin-numru 0246480(M);

Akkużata talli nhar is-26 ta' Lulju 2014 u t-tlett xhur ta' qabel din id-data ġewwa dawn il-Gżejjer:

1. Ikkoltivat l-pjanta *cannabis* bi ksur tal-Artikolu 8(ċ) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Kellha fil-pussess tagħha l-pjanta *cannabis* kollha jew biċċa minnha bi ksur ta' l-Artikolu 8(d) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Semgħet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti, inkluż l-Ordni tal-Avukat Ġenerali ai termini tas-sub-artikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta) sabiex dan il-każ jinstema' u jiġi deċiż minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali;

Rat ukoll illi fl-ewwel seduta miżmuma għas-smiegħ tal-kawża ossia fl-10 ta' Diċembru 2015, l-imputata rreġistrat ammissjoni għall-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħha, liema ammissjoni hija kkonfermatha wara li ngħatat ħin biżżejjed sabiex hija tirrikkonsidra l-ammissjoni tagħha;

Rat ukoll illi fis-seduta tat-13 ta' Novembru 2017, għar-raġunijiet indikati fil-verbal tal-istess seduta, il-Qorti ddikjarat li ma kienetx qegħda taċċetta l-ammissjoni tal-imputata.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

Illi mill-provi prodotti jirriżulta illi nhar is-26 ta' Lulju 2014, pulizija mill-Iskwadra kontra d-Droga eżegwew mandat ta' tfittxija fir-residenza bin-numru 69, Triq Sant'Alfonsu, Sliema, li fiha kienet tgħix l-imputata odjerna, waqt liema tfittxija

nstabu qasrija bil-pjanta tal-*cannabis*, xi *grass* u sigarett suspettat *joint*.[1] L-imputata ġiet arrestata u rrilaxxjat stqarrija lill-Pulizija Eżekuttiva fl-istess jum, wara li ngħatat is-solita twissija skont il-liġi u d-dritt li tottjeni parir legali, liema dritt hija għażlet li ma teżerċitahx.

Mir-relazzjoni tax-Xjenzat Godwin Sammut, maħtur fil-mori tal-inkjesta li saret dwar dan il-każ, jirriżulta illi huwa ngħata tliet dokumenti għall-analiżi tiegħu u ċioe` i) xkora li fiha weraq ta' lewn aħdar; ii) *evidence bag* li fih ħaxix ta' lewn aħdar u iii) *evidence bag* li fih *joint*. Dwar dawn id-dokumenti l-istess espert ikkonkluda s-segwenti:

Illi fuq estratti meħuda mill-weraq ta' lewn aħdar, mill-ħaxix ta' lewn aħdar u mill-*joint*, instabet is-sustanza *Tetrahydrocannabinol*. Il-piż total tal-ħaxix kien ta' 6.83 grammi u l-purita` kienet ta' ċirka 5%. Din is-sustanza tiġi mill-pjanta tal-kannabis u hija kkontrollata bil-liġi taħt it-Taqsima III, Sezzjoni 8 tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta.[2]

Illi mix-xhieda tal-istess imputata, jirriżulta wkoll illi fiż-żmien in kwistjoni, hija kienet tpejjep bejn ħames u sitt *joints* kuljum stante li kellha problema ta' ansjeta`.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi m'hemmx dubju illi fil-jum li għalih jirreferu l-imputazzjonijiet odjerni, l-imputata kellha fil-pussess tagħha *pot*, jew aħjar, kontenitur bil-pjanta tal-*cannabis*, ikkultivatha minnha stess, u dan kif ampjament jirriżulta mix-xhieda mressqa mill-Prosekuzzjoni, kif ukoll mix-xhieda tal-istess imputata. Għal kull buon fini il-Qorti

---

[1] F'dan is-sens ara x-xhieda tal-Ispettur Nikolai Sant (a fol. 6 sa 8 tal-proċess), ix-xhieda ta' PS 364 David Borg (a fol. 52 sa 55 tal-proċess), ix-xhieda ta' WPS 256 Leanne Sant (a fol. 57 sa 60 tal-proċess), ix-xhieda ta' PS 243 Clayton Frendo (a fol. 61 sa 63 tal-proċess) u x-xhieda tal-imputata (a fol. 64 sa 67 tal-proċess). Ara wkoll ir-relazzjoni ta' PS 612 Theo Vella u ta' PC 910 Sean Pace (a fol. 45 *et seq* tal-proċess).

[2] Din ir-relazzjoni tinsab esebita a fol. 29 *et seq* tal-proċess.

tirritjeni illi qegħda tiskarta għal kollox l-ammissjoni tal-imputata, kif reġistrata minnha fis-seduta tal-10 ta' Diċembru 2015, u illi għal fini tal-kunsiderazzjonijiet tagħha dwar il-ħtija o meno tal-istess imputata, il-Qorti qegħda tistrieħ biss fuq ix-xhieda u l-provi prodotti f'dawn il-proċeduri, inkluż ix-xhieda tal-imputata stess. Lanqas ma hemm dubju illi l-imputata kienet fil-pussess tal-pjanta tal-*cannabis* ai termini tat-tieni imputazzjoni, b'dan għalhekk illi kemm l-ewwel, kif ukoll it-tieni imputazzjoni jirriżultaw sodisfaċentement ippruvati.

Illi effettivament jirriżulta ampjament mill-atti proċesswali, inkluż ukoll mit-trattazzjoni finali, illi d-difiża ma hija bl-ebda mod tikkontesta l-fatt illi l-imputata kkultivat il-pjanta tal-*cannabis* jew illi kienet fil-pussess tal-istess. Dak li qegħda tikkontendi d-difiża huwa illi l-pjanta in kwistjoni kienet waħda u mhux sitta, kif ġie dikjarat minn xi xhieda tal-Prosekuzzjoni, u għalhekk skont id-difiża, għandu japplika fil-konfront tal-imputata l-Artikolu 7 tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta, bil-konsegwenza li hija m'għandhiex tiġi kkundannata għal piena tassattiva ta' priġunerija effettiva. Da parti tagħha, minkejja li l-Prosekuzzjoni rrimettiet ruħha għad-deċiżjoni tal-Qorti dwar dan il-punt, huwa evidenti mill-atti proċesswali illi għall-Uffiċjal Prosekutur, il-pjanta in kwistjoni kienet waħda, kif jirriżulta wkoll mill-istess xhieda tiegħu, tant li hawn irid jingħad ukoll illi kien fid-dawl ta' din ix-xhieda illi l-imputata oriġinarjament irreġistrat l-ammissjoni tagħha. Fil-fatt fl-ewwel trattazzjoni tagħha, il-Prosekuzzjoni, bħad-difiża, issottomettiet illi l-imputata kellha tibbenefika mill-Artikolu 7 tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta.

Għaldaqstant, f'dan il-każ, dak li l-Qorti jeħtieġ li tiddeċiedi huwa dwar il-kwantita` ta' pjanti li l-imputata kienet qegħda tikkoltiva, ossia jekk l-imputata kinetx qegħda tikkoltiva pjanta waħda jew altrimenti sitt pjanti. F'dan il-kuntest, il-Qorti tqis illi l-fil-waqt illi numru ta' xhieda tal-Prosekuzzjoni, inkluż kif ingħad l-Uffiċjal Prosekutur, jagħmlu referenza għall-pjanta waħda, u fil-waqt li d-difiża wkoll tisħaq

illi l-pjanta kienet waħda, mir-relazzjoni tas-*Scene of the Crime Officers* PS 612 Theo Vella u PC 910 Sean Pace jirriżulta illi "*malli l-esponenti waslu fuq il-post gew infurmati mill-membri tad-drug squad prezenti li fuq il-bejt tal-fond kien hemm pot wahda (1) b'sitt (6) pjanti suspettati cannabis. Dawn il-pjanti gew maqlughin minn go l-imsemmija pot minnufih u kienu ta' qis differenti, tliet (3) pjanti twal madwar 31 pulzier, tnejn (2) madwar 29 pulzier u wahda (1) madwar 15-il pulzier.*"[3] Fl-istess relazzjoni, l-esebiti ġew *inter alia* dokumentati hekk: "***14 BVY 1** Sitt (6) pjanti suspettati cannabis (3 twal madwar 31 pulzier, 2 madwar 29 pulzier u 1 twila madwar 15-il pulzier)*." Is-*submission form* formanti parti kemm mir-relazzjoni tal-istess *Scene of the Crime Officers*[4], kif ukoll mir-relazzjoni tax-Xjenzat Godwin Sammut[5] ukoll tagħmel referenza għal sitt pjanti suspettati cannabis. Dawn il-pjanti imbagħad jidhru fir-ritratti enumerati 14 BVY 306 u 14 BVY 308, formanti parti mill-faxxikolu fotografiku ppreżentat flimkien mar-relazzjoni tal-istess *Scene of the Crime Officers*. Fix-xhieda tagħhom, PS 612 u PC 910 ukoll jirreferu għal dak li kienu elevaw bħala *pot* waħda, b'sitt pjanti.[6] Min-naħa tiegħu, l-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut ma setax jitfa' dawl fuq in-numru ta' pjanti li ġew mgħoddija lilu, għaliex kif jgħid kemm fir-relazzjoni tiegħu kif ukoll fix-xhieda tiegħu f'dawn il-proċeduri, huwa ngħata xkora bil-weraq.[7]

F'dan ir-rigward, il-Qorti tqis illi mill-provi prodotti, b'mod partikolari mir-ritratti li saret referenza għalihom iżjed 'il fuq, jirriżulta ċar illi l-pjanti tal-*cannabis* li l-imputata kellha fil-pussess tagħha u li kienet qegħda tikkoltiva kienu indubitament iktar minn waħda u dan fil-waqt li tikkunsidra illi l-konfużjoni hija riżultat ta' nuqqas ta' preċiżjoni fl-użu tal-lingwa Maltija. B'hekk il-Qorti tikkunsidra illi jirriżulta

---

[3] A fol. 47 tal-proċess. Ara r-relazzjoni ta' PS 612 Theo Vella u PC 910 Sean Pace, a fol. 45 *et seq* tal-proċess.
[4] Ara a fol. 50A tal-proċess.
[5] Ara a fol. 35 tal-proċess.
[6] Ara a fol. 42 sa 44 tal-proċess.
[7] Ara a fol. 27 u 31 tal-proċess.

ampjament illi filwaqt li l-qasrija *(pot)* li fiha kienet qegħda ssir il-koltivazzjoni kienet waħda, in-numru ta' pjanti *(plants)* fl-istess qasrija kienu ċertament iżjed minn waħda, tant li kif jidher evidenti mir-ritratti fuq imsemmija, kull waħda minn dawn il-pjanti kienet magħmula mhux biss minn zokk u weraq, iżda mill-għeruq li jippermettu lil kull waħda minn dawk il-pjanti tiżviluppa indipendentement mill-oħrajn. Il-Qorti ma tistax ma tinnutax ukoll illi fil-fatt it-tul ta' dawn il-pjanti ġie mkejjel b'mod separat. Fejn il-pjanta tkun waħda, it-tul li jitkejjel ikun wieħed. Għalhekk fil-fehma tal-Qorti, is-*Scene of the Crime Officers* kellhom raġun jirreferu mhux għall-pjanta waħda, iżda għal sitt pjanti.

Kif ser jiġi rilevat aktar il-quddiem f'din is-sentenza, għal fini tal-applikabilita` tal-Artikolu 7 tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta, ma hemmx dubju illi l-intenzjoni tal-leġislatur kienet li jirregola n-numru ta' **pjanti** u mhux in-numru ta' **qsari** li fihom ikunu jinsabu l-pjanti. Kull argument kuntrarju jkun indubitament assurd, għaliex altrimenti dak li jkollu intenzjoni li jikkultiva l-*cannabis* bi ksur tal-liġi jista' jagħżel li jikkultiva numru ta' pjanti f'qasrija mdaqqsa u b'hekk jittenta jibbenefika minn din id-disposizzjoni tal-liġi u jeħles mill-pieni ħorox previsti fil-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti fiċ-ċirkustanzi ma tqisx li l-imputata tista' tibbenefika minn dak li jiddisponi l-Artikolu 7 tal-Kap. 537 u għalhekk sejra tgħaddi sabiex teroga, in vista tal-kunsiderazzjonijiet li jsegwu, piena skont l-Artikolu 22(2)(b)(i) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, fil-minimu tagħha.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi minkejja li huwa l-kompitu strett tal-Qrati tal-Ġustizzja li japplikaw il-liġijiet tal-pajjiż - liġijiet li *del resto* mhumiex imfassla u promulgati mill-Qrati iżda mill-organu leġislattiv - l-għan ta' kwalsiasi sistema ġudizzjara huwa li ssir ġustizzja

oġġettiva ma' kull wieħed u waħda mill-partijiet għal-litiġju. Din il-Qorti, filwaqt li sejra taqdi l-funzjoni tagħha billi tapplika d-disposizzjonijiet applikabbli tal-Kapitolu 101 u tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta, madankollu ma tistax ma tinnutax illi l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 537 kif fis-seħħ, faċliment iwassal għal deċizjonijiet li ftit li xejn jilħqu jekk mhux addirittura ma jilħqux, l-għanijiet u l-aspettattivi tal-leġislatur wara l-introduzzjoni ta' dan l-artikolu fil-liġi, liema liġi tibqa' waħda drakonjana u ma tiddistingwix biżżejjed jew b'mod xieraq, bejn min ħaqqu u min ma ħaqqux piena karċerarja effettiva.

Jibda billi jiġi osservat illi trattandosi tar-reat ta' kultivazzjoni tal-pjanta *cannabis*, l-att primarjament applikabbli huwa l-Att dwar il-Mediċini Perikolużi ossia il-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta. L-Artikolu 22(2)(b)(i) tal-istess Kapitolu jiddisponi illi r-reat ta' kultivazzjoni tal-pjanta tal-*cannabis* għandu jkun punibbli b'terminu ta' priġunerija ta' mhux inqas minn sitt xhur u mhux izjed minn għaxar snin, flimkien ma' multa ta' mhux inqas minn €465.87 u mhux iżjed minn €11,646.87. Is-sub-artikolu (9) tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 101 jirrendi tassattiva din il-piena ta' priġunerija.

Fl-1 ta' April 2015, imbagħad, daħal fis-seħħ l-Att I tas-sena 2015 ossia il-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta, hekk imsejjaħ l-*Att dwar id-Dipendenza fuq id-Droga (Trattament mhux Priġunerija)*. L-għan dikjarat ta' dan l-Att huwa:

> *"Biex jipprovdi għat-trattament ta' persuni fil-pussess ta' kwantitajiet żgħar ta' droga projbita għall-użu personali u għal miżuri oħra għar-riabilitazzjoni ta' persuni dipendenti mid-droga."*

Kif jagħti x'jifhem it-titolu magħżul mill-legislatur għall-Att I tal-2015, u kif dikjarat mill-leġislatur innifsu, l-intiża - għalkemm mhux unika – tal-Att kienet sabiex

persuni li fil-pussess tagħhom tinstab sustanza lleċita fi kwantitajiet żgħar li jindikaw illi tali sustanza hija għall-użu personali tagħhom ma jkunux soġġetti għall-piena ta' multa jew perjodu ta' priġunerija li għalihom jipprovdi l-Artikolu 22(2)(b)(ii) tal-Kap. 101, iżda tingħata iżjed attenzjoni għat-trattament u r-rijabilitazzjoni tal-ħati. B'hekk, oltre milli jiġi punit, il-ħati jingħata l-opportunita` illi jirrijabilita ruħu mill-vizzju tad-droga.

L-Onorevoli Ministru Dr. Owen Bonnici, li oriġinarjament ressaq dan l-abbożż quddiem il-Parlament, fid-Dibattitu tal-Kamra tad-Deputati tal-15 ta' Diċembru 2014 iddeskriva hekk il-liġi proposta:

> *"liġi oħra li hija speċjali li se toħloq eċċezzjonijiet għaż-żewġ liġijiet ta' qabel."*

u senjatament dwar il-koltivazzjoni tal-pjanta *cannabis* hekk żied jgħid l-Onorevoli Ministru:

> *"mill-banda l-oħra ai termini tal-Artikolu 7 tal-Kap. 537 hawn fuq ċitat, meta jirriżultaw iċ-ċirkostanzi hemmhekk indikati, il-piena ta' priġunerija ma tibqax waħda tassattiva u l-Qorti tista' minflok tqiegħed lill-ħati taħt Ordni ta' Probation jew tikkundannah għal sentenza ta' priġunerija sospiża"*

Fil-laqgħa tal-Kumitati Permanenti għall-Kunsiderazzjoni ta' Abbozzi ta' Liġi li nżammet nhar it-2 ta' Frar 2015, l-istess Onorevoli Ministru spjega ulterjorment illi:

> *"Fi klawsola 7 qegħdin indaħħlu l-konċett li meta jkun hemm kwestjoni ta' sejba ta' ħtija ta' kultivar ta' pjanta waħda tal-*cannabis *- kien hemm min tani balla kritika għax qalli: Għalfejn waħda u mhux tnejn jew tlieta, imma waħda? – il-Qorti tista' ma tibagħtux il-ħabs bilfors.*

*Mhux qegħdin ngħidu li joħroġ scot-free għax kien hemm min fehemha hekk ukoll. Aħna qegħdin ngħidu li f'dak il-każ il-Qorti tara hi tibagħtux il-ħabs jew le fuq kultivazzjoni ta' pjanta waħda. (Interruzzjonijiet) M'għandhiex teħel terminu mandatorju ta' priġunerija."*

Dan jeħtieġ li jinqara wkoll fid-dawl ta' dak li kien qal l-istess Onorevoli Ministru fid-dibattitu tal-15 ta' Diċembru 2014:

*"Fejn tidħol il-pjanta tal-cannabis, kien hemm inġustizzja enormi fil-kultivazzjoni.*

***Kemm jekk tikkultiva zokk żgħir u kemm jekk tikkultiva siġra, xorta hemm perjodu ta' priġunerija applikabbli, u din kienet inġustizzja kbira. Jekk għandek xi ħadd li għandu pjanta żgħira jrid imur il-ħabs bilfors u wieħed li mela l-bejt irid imur il-ħabs bilfors. Hemmhekk hemm inġustizzja li ma tagħmilx sens.*** *Aħna qed ngħidu li meta qegħdin nitkellmu fuq pjanti tal-cannabis, min jipproduċi kwantità żgħira għall-użu personali mhux bilfors imur il-ħabs.* ***Jekk għandi pjanta tal-cannabis li qed tipproduċi ammonti żgħar li jidher ovvju li huma għall-pussess tiegħi, f'dak il-każ mhux bilfors li wieħed irid imur il-ħabs, imma jista' jmur il-ħabs u jista' ma jmurx****. Inħallu f'idejn il-qrati."* [Enfasi tal-Qorti]

Issa l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 537 kif fis-seħħ jiddisponi testwalment kif isegwi:

*"Persuna li tinstab ħatja ta' kultivazzjoni tal-pjanta tal-kannabis fi kwantita` żgħira* ***li ma taqbizx pjanta waħda****, f'ċirkostanzi fejn il-Qorti*

*tkun sodisfatta li tali kultivazzjoni kienet għall-użu personali m'għandhiex tkun soġġetta għal terminu mandatorju ta' priġunerija u m'għandhiex tkun soġġetta għall-esklużjoni tal-applikazzjoni ta' ordni ta' probation jew ta' sospensjoni ta' terminu ta' priġunerija previsti fil-liġijiet dwar id-droga".* [enfasi tal-Qorti]

Huwa għalhekk evidenti illi minkejja li l-intiża tal-leġislatur kienet waħda ċara, idejn il-Qorti llum huma marbutin bil-kunsiderazzjoni tal-kwantita` tal-pjanti nvoluti f'kull każ. Dan ifisser illi llum il-ġurnata, ikun x'ikun il-piż tal-prodott kultivat u realizzabbli u jkun xi jkun il-kobor tal-pjanti kultivati, dak li jiddetermina l-applikabilita` tal-Artikolu 7 tal-Kap. 537 o meno huwa biss u unikament in-numru ta' pjanti misjuba fil-pussess tal-ħati. Li jfisser ukoll illi effettivament persuna li tinstab ħatja tar-reat ta' kultivazzjoni ta' pjanta waħda b'piż 'X' u li l-Qorti tqisha ta' kwantita` żgħira tista', la darba l-Qorti tkun sodisfatta illi dik il-kultivazzjoni kienet għall-użu personali, tevita l-piena tassattiva ta' priġunerija effettiva, iżda meta fl-istess ċirkostanzi, minflok pjanta waħda, tkun seħħet kultivazzjoni ta' żewġ pjanti b'piż anke iżgħar minn 'X', mhuwiex possibbli għall-ħati li jevita tali piena.

Fis-sentenza ta' din il-Qorti, kif diversament preseduta, tas-17 ta' Ottubru 2013, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Mario Xuereb**[8], il-Qorti wkoll kienet esprimiet il-fehma tagħha dwar il-fatt illi "*sfortunatament il-legislatur ma jaghmel l-ebda distinzjoni meta jitkellem dwar il-koltivazzjoni jekk dina issirx ghall-uzu personali tal-akkuzat o meno. Il-ligi timponi piena wahda u cioe` piena ta' habs tassattiv. Il-Qorti ghalhekk trid necassarjament tapplika dik il-piena, izda fic-cirkostanzi ta' dana il-kaz billi l-Qorti jidhrilha li ghandha issir distinzjoni bejn il-koltivazzjoni ghall-uzu*

[8] Kawża numru 58/2009.

*personali jew xorta ohra, ghalhekk ser tghaddi biex tapplika l-minimu tal-piena prevista."*

Dawn il-kunsiderazzjonijiet il-Qorti qegħda tagħmilhom ukoll fid-dawl ta' sentenzi oħrajn li ngħataw minn din il-Qorti, kif preseduta, dwar ir-reat ta' kultivazzjoni tal-pjanta *cannabis*. Minn dawn ukoll tirriżulta ċara d-diskrepanza nġusta li qegħda toħloq il-kelma tal-liġi.

Fil-waqt li sfortunatament, fil-każ odjern il-Qorti m'għandhiex għażla oħra għajr li tikkundanna lill-ħajta għal perjodu tassattiv ta' priġunerija effettiva ġialadarba hija kellha fil-pussess tagħha iżjed minn pjanta waħda tal-*cannabis* u dan minkejja ċ-ċokon tagħhom, tant li b'kollox il-weraq tal-istess pjanti kellu piż ta' 5 grammi, meta trattat ma' oħrajn fi proċeduri separati, applikat l-Artikolu 7 tal-Kap. 537 anke fejn il-piż tal-weraq kien jissupera dan il-piż. Il-Qorti tagħmel referenza partikolari għas-segwenti sentenzi tagħha:

(i) **<u>Il-Pulizija vs Tano Zammit Cordina</u>** deċiża fis-26 ta' Frar 2019, fejn għalkemm il-fattispeċje ta' dan il-każ kienu diversi, il-piżijiet tat-tlett pjanti elevati kienu ta' 5.4 grammi, 15.7 grammi u 61.8 grammi rispettivament u l-Qorti qalet hekk fil-kunsiderazzjonijiet tagħha dwar l-applikabilita` o meno tal-Artikolu 7 tal-Kap. 537: *"Tqis ukoll illi t-tlett pjanti kellhom piżijiet differenti, bl-ikbar waħda f'piż ta' 61.8 grammi. Il-Qorti tqis ukoll illi għalkemm l-Ispiżjar Mifsud fir-relazzjoni tiegħu jgħid illi l-piż tal-pjanti ma jinkludix l-għeruq tagħhom, pero` lanqas ma jgħid illi kien qed jeskludi l-piż taz-zkuk, biex b'hekk jibqa' biss il-piż tal-weraq. Tenut kont ta' dan, kif ukoll illi tnejn mill-pjanti kienu ċertament ta' piż żgħir, fil-waqt illi t-tielet pjanta, għalkemm ikbar, lanqas ma kienet ta' xi daqs kbir, tenut kont ukoll tal-fatt illi l-Qorti m'għandhiex prova dwar*

*liema mill-pjanti għandha tiġi abbinata mal-imputat odjern u illi lanqas ma tirriżulta prova illi l-pussess tal-istess pjanti ma kienx għall-użu personali tal-pussessuri, il-Qorti sejra tapplika d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 7 tal-Kap. 537*."

(ii) **Il-Pulizija vs Malcolm Cauchi** deċiża fit-28 ta' Lulju 2017, f'liema każ l-imputat kien stqarr illi huwa kien kabbar pjanta waħda tal-*cannabis* li kibret madwar 40 ċentimetru. Il-Qorti applikat id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 7 tal-Kap. 537, wara li ġie pprovat għas-sodisfazzjoni tagħha illi t-tkabbir tal-pjanta kien għall-użu personali tal-istess imputat.

(iii) **Il-Pulizija vs Alistair David George Smith** deċiża fit-30 ta' Settembru 2016. Hawnhekk il-Qorti wkoll applikat id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 7 tal-Kap. 537 wara li qieset illi l-pjanta in kwistjoni kienet għall-użu personali tal-imputat, u illi l-piż tal-weraq niexef tal-istess pjanta kien ta' 10 grammi, apparti li fil-pussess tal-imputat instabu wkoll żewġ boroż bil-weraq li huwa kien qal li ħadhom mill-istess pjanta u li skont l-Uffiċjal Prosekutur, kellhom piż ta' ċirka 3.6 grammi.

(iv) **Il-Pulizija vs Keith Falzon** deċiża fis-6 ta' Mejju 2016, f'liema każ il-piz totali tal-ħaxixa fil-pussess tal-ħati kien ta' 17.41 grammi. Fir-rigward tal-akkuża ta' kultivazzjoni bi ksur tal-Artikolu 8(ċ) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qieset bħala li kienu jissussistu l-elementi li trid il-liġi għall-applikabilita` tal-Artikolu 7 tal-Kap. 537 u effettivament applikat l-istess artikolu fil-konfront tal-ħati.

Fil-każ odjern madanakollu, minkejja li l-piż tal-pjanti in kwistjoni kien wieħed relattivament minimu, minkejja wkoll li hija sodisfatta illi l-pjanti in kwistjoni ma kinux intiżi għajr għall-użu personali u esklussiv tal-imputata, u in oltre għalkemm iċ-ċirkostanzi tal-każ, il-kooperazzjoni assoluta tal-imputata u anke l-ħajja tagħha b'mod ġenerali lkoll jimmilitaw kontra piena ta' priġunerija effettiva, il-Qorti m'għandhiex għażla oħra għajr illi tgħaddi sabiex teroga tali piena fil-konfront tal-istess imputata.

**Konklużjoni**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 8(ċ) u 8(d), 22(1)(a) u 22(2)(b)(i) u (ii) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-Regolament 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02 u l-Artikolu 17 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qed issib lill-imputata ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħha u tikkundannaha għal piena ta' sitt (6) xhur prigunerija effettiva u multa ta' seba' mitt ewro (€700) li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tista' titħallas mill-ħatja f'rati mensili u konsekuttivi ta' ħamsin ewro (€50), bl-ewwel pagament isir fi żmien xahar mil-lum, b'dan illi jekk il-ħatja tonqos milli tħallas pagament wieħed il-bilanċ jiġi dovut minnufih u jiġi konvertit fi priġunerija skont il-liġi.

In oltre ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta tikkundanna lill-ħatja għall-ħlas tal-ispejjeż konnessi mal-ħatra tal-esperti maħtura fl-istadju tal-proċess verbal tal-inkjesta dwar dan il-każ, u ċioe` għas-somma totali ta' mitejn, wieħed u għoxrin ewro u tnejn u erbgħin ċenteżmu (€221.42), rappreżentanti l-ispejjeż relatati mar-relazzjoni tax-Xjenzat Godwin Sammut fis-somma ta' mija, sebgħa u erbgħin ewro u ħamsin ċenteżmu (€147.50) u dawk relatati mar-relazzjoni tas-*Scene of the Crime Officers* PS 612 Theo Vella u PC 910 Sean Pace fis-somma

ta’ tlieta u sebgħin ewro u tnejn u disgħin centeżmu (€73.92). Tali somma għandha titħallas mill-ħatja fi żmien xahrejn mil-lum.

Tordna d-distruzzjoni tal-weraq, tal-ħaxix u tal-*joint* esebiti in atti hekk kif din is-sentenza tgħaddi in ġudikat, u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirrediġi proċess verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jiġi nserit fl-atti ta’ din il-kawża mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Finalment tordna komunika ta’ din is-sentenza lill-Onorevoli Ministru tal-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali Dr. Owen Bonnici.

Natasha Galea Sciberras
Maġistrat